



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

9.2.2011

B7-0118/2011

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjonijiet mill-Kunsill u mill-Kummissjoni

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar iż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel

**Alfreds Rubiks, Patrick Le Hyaric, Willy Meyer, Sabine Wils, Nikolaos Chountis, Jürgen Klute, Eva-Britt Svensson, João Ferreira, Kyriacos Triantaphyllides, Jiří Maštálka**  
f'isem il-Grupp GUE/NGL

RE\856751MT.doc

PE459.650v01-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar iż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara lil kkunsidra l-Artikolu 25(1) tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem li jikkonċerna d-dritt għall-ikel,
  - wara li kkunsidra l-oġettiv li n-numru ta' persuni li jbatu l-ġuħ jonqos bin-nofs sal-2015 tas-Samit Dinji tal-Ikel tal-1996 (id-Dikjarazzjoni ta' Ruma), u li fis-sena 2000 ġie inkluż fit-tmien Għanijiet tal-Millennju,
  - wara li kkunsidra s-Sessjoni Speċjali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, tat-22 ta' Mejju 2008 f'Ġinevra, dwar 'L-impatt negattiv tad-deterjorament tal-kriżi dinjija tal-ikel fuq id-dritt għall-ikel, ikkawżat inter alia mill-prezzijiet għaljin ħafna tal-ikel',
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-prezzijiet tal-ikel madwar id-dinja telgħu f'daqqa u laħqu quċċata ġdida storika f'Jannar, għas-seba' xahar konsekuttiv, skont kif irrapportat l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikultura (FAO) tan-Nazzjoni Uniti, li żiedet tgħid li l-prezzijiet mhux mistennija jinżlu fix-xhur li ġejjin,
- B. billi skont l-FAO, il-prezzijiet tal-gruppi ta' prodotti bażiċi mmonitorjati kollha telgħu f'daqqa f'Jannar, ħlif il-prezz tal-laħam. L-Indiċi tal-Prezzijiet tal-ikel tal-FAO, basket ta' prodotti bażiċi li jsegwi l-bidliet ta' kull xahar fil-prezzijiet tal-ikel globali, kellu medja ta' 231 punt f'Jannar u tela' 3.4 fil-mija minn Diċembru tas-sena l-oħra – l-ogħla livell minn meta l-aġenzija bdiet tkejjel il-prezzijiet tal-ikel fl-1990,
- C. billi fin-nuqqas ta' politiki ta' infiq u sostenn, ir-rata tat-tkabbir tal-produttività agrikola bdiet nieżla minn xi 3.5 fil-mija fis-snin tmenin għal madwar 1.5 fil-mija llum. L-istokkijiet tal-ikel globali naqsu wkoll – b'madwar 3.4 fil-mija kull sena mill-1995,
- D. billi l-volatilità tal-prezzijiet riċenti fis-swieq internazzjonali qed tpoġġi pressjoni fuq is-sigurtà globali tal-ikel. B'mod speċjali fir-rigward taż-żewġ miljuni ta' nies li jgħixu u jaħdmu fl-irziezet żgħar fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, il-ħajja saret iktar prekarja. Il-maġġoranza tagħhom qed jissieltu biex jgħixu u jitimgħu lill-familji tagħhom b'inqas minn US\$2 kuljum,
- E. billi fl-2010 kien hemm 925 miljun persuna malnutriti. Minn dawn hemm 170 miljun tifel u tifla li mhumiex mitmugħa biżżejjed u 5.6 miljun tifel u tifla li jmutu kull sena b'riżultat tal-malnutrizzjoni. Miljuni ta' persuni se jkomplu deħlin f'iktar faqar minħabba l-prezzijiet tal-ikel li qed jisplodu, u se jingħaqdu ma' dawk li qed ibatu l-ġuħ,
- F. billi l-popolazzjoni tad-dinja li qed tikber u ssir iktar affluwenti qed iżżid id-domanda

għall-ikel. Huwa smat li sabiex tiġi ssodisfata din id-domanda, jeħtieġ li l-produzzjoni taċ-ċereali tikber b'madwar 50 fil-mija sal-2030 filwaqt li l-produzzjoni tal-laħam trid tikber b'85 fil-mija,

- G. billi d-domanda ikbar qed tiġi ssodisfata minn bdiewa kummerċjali kbar f'pajjiżi żviluppati u esportaturi tal-ikel. Mill-2007 sal-2008, il-produzzjoni taċ-ċereali fil-pajjiżi żviluppati żdiedet bi 11 fil-mija. Il-produzzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw żdiedet b'0.9 fil-mija matul l-istess perjodu. U meta wieħed iħalli barra l-Brażil, l-Indja u ċ-Ċina, il-produzzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-verità naqset b'1.6 fil-mija,
- H. billi s-sena li għaddiet, il-prezzijiet tal-qamħ fl-UE żdiedu b'91%, tal-qamħirrum b'75%, taz-zokkor bi 32% u l-prezzijiet tal-laħam huma l-oġġla li qatt kienu għal iktar minn għoxrin sena. Il-prezzijiet dejjem oġġla qed jaffettwaw il-prodotti kollha tal-ikel, indipendentement minn jekk hux ikel frisk, ipproċessat jew industrijalizzat u għandhom impatt partikolarment aħrax fuq dawk li jitħallsu inqas minħabba l-pessjoni negattiva tagħhom fuq id-dħul tal-familji,
- I. Billi ż-żidiet fil-prezzijiet qed jaggravaw il-problemi ta' aċċessibilità, b'mod partikolari għal dawk li għandhom dħul baxx jew noneżistenti. L-ikel huwa komponent ewlieni tal-baġits tal-familji, fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw jammonta għal bejn 60 u 80%, u fl-Istati Membri l-inqas żviluppati tal-UE għal bejn 20 u 30%, b'effetti negattivi fuq il-koeżjoni soċjali fl-Istati Membri,
- J. billi ż-żieda fl-ispekulazzjoni tal-prodotti bażiċi agrikoli u tal-ikel qiegħda fil-qalba taż-żieda attwali fil-prezzijiet tal-ikel u qed imorru ammonti kbar ta' fondi ta' investiment fl-ispekulazzjoni tal-prezzijiet tal-ikel,
- K. billi l-istudji preliminari mwettqa mill-Bank Dinji jindikaw li ż-żieda fl-attivitajiet tal-fondi tal-pensjonijiet u tal-hedge funds kienet element kruċjali fl-isplużjoni tal-prezzijiet agrikoli u tal-ikel fl-2008; billi l-esponiment tas-swieq tal-ikel għal spekulazzjoni finanzjarja żdied enormement, b'tali mod li fl-2003 l-pożizzjonijiet tal-fondi rigward iż-żieda tal-prezzijiet tal-prodotti bażiċi agrikoli ammontaw għal USD 13-il biljun u fl-2008 għal USD 318-il biljun,
- L. billi s-settur tal-ikel qiegħed isir, f'termini kemm ta' produzzjoni kif ukoll ta' distribuzzjoni, iktar ikkonċentrat u iktar ikkontrollat mill-kumpaniji transnazzjonali l-kbar li qed jagħmlu profitti enormi filwaqt li jitlobu l-konsumaturi jħallsu prezzijiet f'livell ħafna oġġla mill-prezzijiet tal-produtturi,
- M. billi l-kundizzjonijiet tat-temp estremi bħall-mewġa ta' sħana fir-Russja, l-għargħar fil-Pakistan jew il-ħalbiet ta' xita "erratiċi" f'Laos u l-Kolombja, kellhom impatt fuq il-prezzijiet tal-ikel. Il-bidliet fil-klima se jkomplu jinfluwenza il-produzzjoni tal-ikel fil-ġejjieni,
- N. billi d-dħul medju tal-bdiewa naqas b'iktar minn 12% fl-UE-27 fl-2009, u dan ifisser li l-bdiewa ma jistgħux ikompli jiġġeneraw dħul ġust mix-xoġġol tagħhom, u billi, minkejja dan, il-bdiewa u s-settur agroalimentari xora jridu jipproduċu prodotti tal-ikel li

jissodisfaw standards ta' kwalità estrament eżiġenti bi prezzijiet li jifilħu għalihom il-konsumaturi,

- O. billi l-bdiewa ż-żgħar ma jikkompetux b'kundizzjonijiet ekwi fis-swieq lokali, reġjonali jew globali. Ħafna minnhom mhux kapaċi jirreaġixxu għaż-żieda fid-domanda minħabba li m'għandhomx aċċess għal assi u kapitali, u jħabbtu wiċċhom ma' spejjeż ta' tranżazzjoni ogħla, u dan jagħmilha diffiċli biex jadattaw u jirreaġixxu malajr għall-iżviluppi tas-suq. Il-prezzijiet ogħla tal-ikel mhux dejjem jiffiltraw lejn il-post tal-produzzjoni, fejn il-bdiewa fqar ta' sikwit ikollhom ibiegħu l-produzzjoni tagħhom bi prezzijiet iktar baxxi,
- P. billi f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin l-UE, il-Bank Dinji, il-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ imponew liberalizzazzjoni kummerċjali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, sabiex ikun impost mudell dominanti ta' agrikoltura orjentata lejn l-esportazzjoni fuq skala kbira a skapitu tal-produzzjoni lokali sostenibbli tal-ikel u s-swieq lokali tal-ikel,
1. Jenfasizza n-natura fundamentali tad-dritt għall-ikel u l-bżonn li jitjieb l-aċċess ta' kulħadd għal biżżejjed ikel f'kull ħin għal haġja attiva u mimlija saħħa; jenfasizza li l-istati għandhom l-obbligu li jiproteġu, jirrispettaw u jissodisfaw dan id-dritt fundamentali tal-bniedem. Jafferma mill-ġdid li l-ikel huwa dritt fundamentali tal-bniedem u mhux sempliċement komodità;
  2. Jikkunsidra li l-ewwel ma jbatu minn din iż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel huma l-familji bi dħul baxx, li jkollhom jiddedikaw parti kbira mill-baġit tagħhom għall-ikel; jemmen li huwa neċessarju u urġenti li jittieħdu miżuri diretti biex jitnaqqsu l-prezzijiet tal-ikel;
  3. Jenfasizza li l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fil-prodotti agrikoli tal-ikel u l-komoditajiet agrikoli primarji għandha effetti negattivi fuq il-volum u l-kwantità ta' produzzjoni tal-ikel, qiegħda żżid in-nuqqas ta' sigurtà tal-bdiewa ż-żgħar u tpoġġi f'riskju d-dritt għall-ikel u tas-sovranià tal-ikel;
  4. Jikkundanna l-attivijitajiet spekulattivi tal-komoditajiet agrikoli u l-materja prima u jinsab imħasseb ħafna dwar in-nuqqas ta' mekkaniżmi ta' kontroll li kapaċi jillimitaw l-ispekulazzjoni, u jevitaw il-manipulazzjoni u l-abbużi tas-swieq tal-komoditajiet li qed jiksru d-dritt għall-ikel u joħolqu faqar u esklużjoni soċjali;
  5. Jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-bdiewa u r-raħħala żgħar u medji; japprova t-talba tagħhom għal tnaqqis fil-prezzijiet tal-materja prima użata fil-produzzjoni tagħhom u jitlob sabiex jittieħdu miżuri xierqa;
  6. Jikkunsidra li waħda mill-kwistjonijiet ewlenin b'rabta mal-ikel hija d-distribuzzjoni u t-tqegħid fis-suq. Matul il-maġġoranza tal-karestiji, xorta jkun hemm abbondanza ta' ikel disponibbli, iżda bi prezz li n-nies tal-lokal ma jistgħux iħallsu. Huwa stmat li nofs l-ikel kollu prodott fl-Afrika sub-Saħarjana jitħassar bla ma jintuża minħabba n-nuqqas ta' faċilitajiet ta' ħażna, trasport u tqegħid fis-suq;
  7. Jenfasizza li llum il-ġurnata s-sigurtà tal-ikel hija kritika. It-tibdil fil-klima mistenni

jnaqqas id-disponibilità tar-raba' u tal-ilma u jekk ma jittiħdux il-miżuri neċessarji se jkun hemm iktar art dedikata għall-bijofjuwils u attivitajiet ekonomiċi oħrajn minflok għal uċuh tar-raba' għall-ikel;

8. Jafferma mill-ġdid li l-iskop ewlieni tal-attività agrikola hija l-produzzjoni tal-ikel; josserva li l-użu mhux għall-ikel ta' prodotti agrikoli, b'mod partikolari l-bijofjuwils, mhux neċessarjament jikkontribwixxi għall-estensjoni tal-attività agrikola u jaf ma joffrix reazzjoni sodisfaċenti għad-deżertifikazzjoni rurali; jinnota li tali produzzjoni taf tispiċċa tissostitwixxi l-produzzjoni tal-ikel, b'konsegwenzi negattivi fuq il-volum ta' produzzjoni tal-ikel u s-sovranità tal-ikel;
9. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni teżamina mill-ġdid l-oġġettivi tal-PAK għall-2020 bl-għan li tingħata spinta lill-produzzjoni tal-ikel, jiġu appoġġati l-bdiewa u r-raħħala żgħar u medji u jitnaqqsu l-prezzijiet tal-konsumatur, billi jissaħħu l-mekkaniżmi ta' intervent u jiġu garantiti prezzijiet tax-xiri b'intervent adegwati li jiggwarantixxu l-prezzijiet agrikoli, li għandhom jippermettu dħul ġust għall-bdiewa u l-ħaddiema agrikoli, u prezzijiet ġusti għall-konsumaturi;
10. Jitlob riforma profonda tal-politiki għall-agrikoltura sabiex jiġu żgurati s-sigurtà u s-sovranità tal-ikel ta' kull pajjiż, jiġu promossi proġetti pubbliċi u jiġu appoġġati l-irziezet mikro, żgħar u ta' daqs medju, il-koperattivi u l-awtoritajiet lokali, u filwaqt li l-fondi tal-Komunità jiġu kkonċentrati f'din id-direzzjoni u jiġu korretti l-asimetriji reġjonali;
11. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, jieħdu l-miżuri neċessarji kollha bi tpattija għall-volatilità estrema tal-prezzijiet sabiex titnaqqas il-vulnerabilità tal-produtturi u jiġi garantit id-dritt għall-ikel għal kulħadd, b'mod partikolari għat-78 miljun fl-Istati Membri tal-UE li għandhom riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali;
12. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jieħdu l-miżur neċessarji kontra l-ispekulazzjoni globali fil-komoditajiet tal-ikel; iqis il-projbizzjoni Ewropea fuq il-bejgħ bin-nieqes kif ukoll fuq id-derivati OTC bħala urġenti u neċessarja; kif ukoll kontra l-ħolqien ta' kartelli agroalimentari li jisfruttaw in-nuqqas ta' infrastrutturi xierqa, u n-nuqqas ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ u kontroll sabiex iżidu l-profitti tagħhom stess;
13. Jagħti istruzzjoni lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.